❑ *Tony Terribile*

# L-ISQOF ALPHERAN DE BUSSAN IŻUR IL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ FL-1745

*Din is-sena se nitrattaw l-aħħar parti tal-Vista Pastorali ta' l-Isqof Alpheran de Bussan li għamel lill-Parroċċa ta' San Ġorġ fl-1745. F'din l-aħħar parti se naraw il-kummenti li għamel dan l-Isqof dwar tlett knejjes li kienu qrib San Ġorġ.*

## San Ġużepp

L-ewwel knisja kienet iddedikata lil San Ġużepp. Din kellha forma kwadra mibnija fuq erba' ħnejjiet b'salib tal-ġebel fil-faċċata tagħha. Fuq l-artal maġġur kien hemm kwadru tal-pittura li kien jirrappreżenta lil Madonna tad-Dawl flimkien ma' San Ġużepp.

Il-festa kienet tiġi ċelebrata kull sena fid-19 ta' Marzu permezz ta' legat imħolli minn Bażilju Grima fl-atti tan-Nutar Francesco Debono. Il-Prokuratur ta' din il-knisja kien Dun Paskal Xikluna. Il-knisja kienet kompluta b'kollox u kellha dak kollu li kien meħtieġ għas-servizz reliġjuż.

## San Ġakbu

Knisja oħra li żar l-Isqof Alpheran kienet dik ta' San Ġakbu. Din ukoll kienet kompluta b'kollox, bil-kwadru li kien jirrappreżenta lill-qaddis appostlu. Il-mensa ta' l-artal kienet tal-ġebel bl-iskanelli ta' l-injam fuqha; dawn kellhom fuqhom numru ta' gandlieri ta' l-injam.

Il-festa ta' San Ġakbu kienet tigi celebrata fil-25 ta' Lulju bil-kant tal-vespri u bil-quddiesa letta. Din kienet marbuta ma' legat.

Barra l-artal maġġur, din il-knisja kellha żewġ artali laterali. L-ewwel wieħed kien iddedikat lil Santa Roża ta' Viterbo. L-iskanell ta' dan l-artal kien impitter b'bosta ilwien. Fuq dawn l-iskanelli kien hemm tnax-il gandlier. L-artal kien komplut b'kollox għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Fuq dan l-artal kienet meqjuma pittura tal-qaddisa imsieħba minn Santa Tereża ta' Avila. Il-festa fuq dan l-artal kienet tiġi ċelebrata kull sena fl-4 ta' Settembru. Hawnhekk l-Isqof jikkummenta li din id-devozzjoni kien bdiha f'din il-knisja l-qassis Dun Placido Lo Duci.

L-artal l-ieħor kien dedikat lil Santa Barbara. Dan l-artal ukoll kien komplut b'kollox, sahansitra hawnhekk l-Isqof igħid li kellu ħafna ventartali u sett kartelli tal-Glorja. Isemmi wkoll il-lampier li kien jinxtgħel quddiem dan il-kwadru, kif ukoll il-festa. Din il-festa kienet ssir kull sena mill-Bumbardieri tal-gżira, billi Santa Barbara hija l-Patruna tagħhom.

## It-Twelid Tal-Madonna

Il-knisja l-oħra li invista l-Isqof Alpheran kienet dik tat-Twelid tal-Madonna, magħrufa Ta' Savina. Din kienet inbniet fl-1622.

Kienet knisja kbira mhux ħażin. Meta tkellem dwar il-kwadru titulari, l-Isqof igħid li dan kien sar mal-bini tal-knisja, jiġifieri fl-1622 bi spejjeż il-Gvernatur t'Għawdex, Riċċardi Ninni. Kien żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt. Hekk tgħid il-kitba fuq in-naħa t'isfel tal-kwadru.

Il-festa kienet tiġi ċelebrata fit-8 ta' Settembru. Matul din il-vista, l-Isqof Alpheran ipprofana numru ta' knejjes f'Għawdex. Hawnhekk l-Isqof ordna li l-kwadri ta' dan il-knejjes kellhom jinġabru f'din il-knisja u l-festi tagħhom kellhom ukoll jiġu ċelebrati hawnhekk. Kien hemm 25 knisja profanati. Fost dawn insibu: Sant'Elena f'Sannat, San Ġwann fiż-Żebbuġ, San Pietru fl-Għarb, Santa Duminka fix-Xlendi u l-oħrajn li fil-biċċa 'l kbira tagħhom kienu fil-beraħ tal-kampanja u għalhekk kienu fi stat kbir ta' abbandun.

Permezz ta' dan l-aħħar parti ta' dan ir-rapport tal-vista ta' l-Isqof Alpheran de Bussan, flimkien maż-żewġ kitbiet ta' dawn l-aħħar sentejn, għandna stampa cara kemm minn dejjem in-nies tar-Rabat, Għawdex, kellhom għal qalbhom il-Parroċċa ta' San Ġorġ u l-knejjes filjali li kienu qrib tagħha. ●